MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1687/2014/1

**Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri,**

**Victoria Saliba u Paul Camilleri**

**vs**

**Giuseppe Camilleri sive Joseph**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tas-27 ta’ Ottubru 2014 kontra l-intimat li gie milqugh provizorjament fis-27 ta’ Ottubru 2014;

Rat ir-risposta tal-intimat li oppona ghal hrug tal-mandat;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti qed jitolbu l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex l-istess intimat ma jiddisponix mill-proprjeta immobbli imsemmija fir-rikors, liema proprjeta wiret minghand ommu u dan peress li bejn il-kontendenti li huma ahwa hemm kawza pendenti fejn qed jigi impunjat it-testment tal-omm li bih l-intimat wiret il-proprjeta imsemmija.

Ir-rikorrenti irtiraw it-talba taghhom limitatament ghal wahda mill-proprjetajiet cioe l-garage numru 12 Triq Dun Karm Xerri, Naxxar peress illi jirrizulta li jappartjeni lil mart l-intimat mhux parti f'dawn il-proceduri.

L-eccezzjoni tal-intimati dwar in-nulltia tar-rikors ghax il-proprjeta mitluba li tigi kolpita bil-mandat ma hix diskretta kif trid il-ligi giet michuda mill-Qorti b'digriet taghha tal-25 ta' Novembru 2014.

L-intimati jikkontendu li r-rikorrenti ma ghandhom ebda jedd fuq il-proprjeta in kwistjoni ghax tappartjeni lil intimat li ma jistax jigi mizmum milli jiddisponi kif irid mill-proprjeta tieghu.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet ghandu l-intimat izda ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 tara oggettivament jekk ir-rikorrenti ghandhomx pretensjoni ta' jedd. Mhix il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz hux suxxettibbli ghal success fil-mertu ta' azzjoni bhal dik gia intentata mir-rikorrenti izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bhala tali ai finijet oggettivi tal-ligi. Il-Qorti ma ghandhiex dubju illi r-rikorrenti urew bil-kawza intavolata illi huma ghandhom pretensjoni ta' jedd fuq il-proprjeta ta' ommhom jekk jirnexxilhom jimpunjaw it-testment ta' ommhom. Il-hrug tal-mandat mhux dipendenti fuq il-possibilita jew probabilita ta' success fil-kawza izda jekk il-pretensjoni vantata hiex tali li jikkostitwixxi dritt suxxettibbli ghal protezzjoni akkordata fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Ir-risposta tal-Qorti f'dan il-kaz hu fl-affirmattiv.

Il-Qorti ma tifhimx l-argument tal-intimat illi l-intimat ma jistax jigi inibit milli jiddisponi minn dak li wiret. Il-pretensjoni vantata mir-rikorrenti tikkolpixxi direttament il-proprjeta akkwistata mill-intimat mill-wirt ta' ommu ghax jekk it-testment taghha jigi impjunjat b'success allura jigi li l-intimat ma ghandux il-jedd shih ghal proprjeta li qed jippretendi u hu ghalhekk logiku li l-istatus quo ghandu jigi preservat sa tmien il-vertenza fuq il-mertu. Altrimenti jekk l-intimat jiddisponi minn dak li hu effettivament in kontestazzjoni, ir-rikorrenti jistghu jkunu vencenti fil-principju izda telliefa fis-sustanza, u dan jista' fil-fatt jikkreja pregudizzju lir-rikorrenti li mhux rimedjali.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat mif mitlub fir-rikors u ghall-proprjetajiet imsemmija fl-istess rikors bl-eskluzzjoni tal-garage numru 12 Triq Dun Karm Xerri, Naxxar li gie irtirat mir-rikorrenti. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------